MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Numru. 5/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA ATTARD**

**VS**

**PIERRE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Pierre Cassar ta' 33 sena, bin John Cassar u Mary Rose nee' Bugeja, mwieled Pieta' fil-11 ta' Awissu 1975, joqghod 6, Labour Street, M'Xlokk, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 163875 M:

Talli fil-perjodu bejn 19 ta' Novembru 2001 u 21 ta' Novembru 2001, f'dawn il-Gzejjer cioe' minn gewwa M'Xlokk, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta' senter ghamla Luigi Franchi bin-numru tar-registrazzjoni S 73087 minn fuq lanca maghrufa bhala 'Madonna ta' Pompei', liema valur huwa ammontabbli ghal mitt lira maltin (Lm100) liema serq huwa kwalifikat bil-valur, mezz, lok, hin u haga misruqa, liema serq sar ghad-detriment ta' Francis Vella.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta' zewg G.P.S s, ghamla Ko-den, li huma ammontabbli ghal aktar minn mitt lira maltin (Lm100), izda l-vajur totali ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1000) minn fuq lanca maghrufa bhala Mikela Rosaria, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, lok, hin u valur u l-haga misruqa ghad-detriment tal-familja Carabott u Anthony Mangion;

U aktar talli fl-istess, data,lok, hin u cirkostanzi, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 269, 270, 271, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza ilha li nbdiet minn Jannar 2002, izda giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fi Frar 2007. Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fi Frar 2008, u l-imputat baqa’ ma ressaqx provi tieghu. Mill-provi prodotti l-Qorti hi konvinta li l-imputazzjonijiet ta’ serq ma jistghux jirrizultaw fil-konfront tal-imputat, peress illi ma hemmx bizzejjed provi diretti li jorbtu dawn ir-reati mieghu. L-uniku imputazzjoni li tista’ tirrisulta hi dik ta’ ricettazzjoni, u ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija biss fuq din l-imputazzjoni. Kwantu ghall-piena, il-Qorti tara li dan il-process hekk imsejjah sommarju dam kwazi seba’ snin biex gie deciz, u dan zgur m’hux minhabba xi nuqqas ta’ din il-Qorti kif presjeduta. Minhabba f’dan id-dewmien, il-Qorti assolutament ma hix tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata piena ta’ prigunerija, ghal reat li hu wettaq seba’ snin ilu. Li ghandu jkun hemm hu sorveljanza fuqu, sabiex jinghata direzzjoni u ghinuna f’hajtu li, milli jidher, kienu neqsin.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta;

U wara li ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Din il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuzi kif dedotti, qieghda issibu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontrih.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tpoggi lill-imsemmi Pierre Cassar taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal perjodu ta’ sena mil-lum.

Il-Qorti fissret il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------